SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla)

26 ta' Ottubru 2017 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Taxxi fuq il-kumpanniji – Direttiva 90/435/KEE – Artikolu 1(2) u Artikolu 4(2) – Kumpanniji omm u kumpanniji sussidjarji ta' Stati Membri differenti – Sistema komuni ta' tassazzjoni – Tnaqqis fuq il-profitt intaxxat tal-kumpannija omm – Dispożizzjonijiet nazzjonali intiżi li jneħħu t-taxxa doppja mill-profitti mqassma mis-sussidjarji – Nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-eżistenza ta' rabta bejn l-interessi fuq is-self u l-finanzjament tal-parteċipazzjoni li tat lok għall-ħlas tad-dividendi"

Fil-Kawża C-39/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mir-rechtbank van eerste aanleg te Antwerpen (qorti tal-ewwel istanza ta' Antwerpen, il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Jannar 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 ta' Jannar 2016, fil-proċedura

Argenta Spaarbank NV

vs

Belgische Staat,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Il-Ħames Awla),

komposta minn J. L. da Cruz Vilaça, President tal-Awla, A. Tizzano (Relatur), Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, E. Levits, A. Borg Barthet u M. Berger Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-30 ta' Marzu 2017,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Argenta Spaarbank NV, minn B. De Cock u K. Van Duyse, avukati,

– għall-Gvern Belġjan, minn J.-C. Halleux, P. Cottin u M. Jacobs, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn W. Roels, bħala aġent,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-27 ta' April 2017,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(2) u tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE, tat-23 ta' Lulju 1990, dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 147).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Argenta Spaarbank NV u l-Belgische Staat (l-Istat Belġjan) dwar il-legalità ta' avviż ta' taxxa stabbilit skont it-taxxa fuq il-kumpanniji għas-snin fiskali 2000 u 2001 li tiegħu din il-kumpannija kienet id-destinatarju.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 It-tielet premessa tad-Direttiva 90/435 tiddisponi:

"Billi d-dispożizzjonijiet eżistenti tat-taxxa li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn il-kumpanniji ġenituri u s-sussidjarji tagħhom fl-Istati Membri differenti ivarjaw b'mod apprezzabbli minn Stat Membru għall-ieħor u huma ġeneralment inqas vantaġġużi minn dawk li japplikaw għall-kumpanniji ġenituri u s-sussidjari fl-istess Stat Membru; billi l-kooperazzjoni bejn il-kumpanniji ta' Stati Membri differenti tiġi b'hekk żvantaġġata meta mqabbla mal-kooperazzjoni bejn il-kumpanniji fl-istess Stat Membru; billi huwa meħtieġ li jiġi eliminat dan l-iżvantaġġ bid-dħul ta' sistema komuni sabiex tiffaċilita r-raggruppament tal-kumpanniji."

4 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva jipprevedi:

"1. Kull wieħed mill-Istati Membri għandu japplika din id-Direttiva:

– għat-tqassim tal-qligħ irċevut mill-kumpanji ta' dan l-Istat li jkun ġej mill-kumpanniji sussidjarji fl-Istati Membri l-oħra,

– għat-tqassim tal-qligħ mill-kumpanniji ta' dan l-Istat lill-kumpanniji fl-Istati Membri l-oħra li tagħhom il-kumpanniji ta' l-Istat ta' l-ewwel ikunu sussidjarji.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet domestiċi jew dawk imsejsa fuq ftehimijiet meħtieġa għall-prevenzjoni tal-frodi jew l-abbuż."

5 Skont l-Artikolu 3 tad-direttiva msemmija:

"1 Għall-għanijiet sabiex tiġi applikata din id-Direttiva:

(a) l-istatus tal-kumpannija ġenitur għandu jiġi attribwit għall-inqas lil kull kumpannija ta' Stat Membru li twettaq il-kondizzjonijiet iddikjarati fl-Artikolu 2 u li jkollha sehem minimu ta' 25 % fil-kapital ta' kumpannija ta' Stat Membru ieħor li jwettaq l-istess kondizzjonijiet;

(b) '(kumpannija) sussidjarja' għandha tfisser dik il-kumpannija li l-kapital tagħha jinkludi s-sehem riferit fil-(a).

2 Bħala deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandu jkollhom il-għażla li:

– jibdlu, permezz ta' ftehim bilaterali, il-kriterju taż-żamma ta' sehem fil-kapital bil-kriterju ta' żamma ta' sehem bid-drittijiet għall-vot,

– li ma japplikawx din id-Direttiva għall-kumpanniji ta' dan l-Istat Membru li għal perjodu taż-żmien mhux interrott ta' mill-inqas sentejn rigward iż-żamma tal-ishma li jikkwalifikawhom bħala kumpaniji ġenitur jew għal dawk mill-kumpaniji tagħhom li fihom kumpannija ta' Stat Membru ieħor ma jżommux ishma minn dawn għal-perjodu taż-żmien mhux interrott ta' mill-inqas sentejn."

6 L-Artikolu 4(1) u (2) tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"1 Meta kumpannija ġenitur, bis-saħħa ta' l-assoċjazzjoni tagħha mal-kumpannija sussidjarja tagħha, tirċievi profitti mqassma, l-Istat tal-kumpannija ġenitur għandu, għajr meta din ta' l-aħħar tiġi llikwidata, jew:

– iżomm lura milli jintaxxa dawn il-profitti, jew

– jintaxxa dan il-qligħ filwaqt li jawtorizza lill-kumpannija ġenitur biex tnaqqas mill-ammont tat-taxxa mistħoqqa dak il-frazzjon tat-taxxa fuq il-korporazzjonijiet imħallas mill-kumpannija sussidjarja li jkollu x'jaqsam ma' dawn il-profitti u, jekk ikun xieraq, l-ammont tat-taxxa mnaqqsa imposta mill-Istat Membru li fih tkun tirresjiedi l-kumpannija sussidjarja, skont id-derogi pprovvduti fl-Artikolu 5, sal-limitu tal-ammont tat-taxxa domestika korrispondenti.

2 Madankollu, kull wieħed mill-Istati Membri għandu jżomm il-għażla li jipprovdi illi kull impost li jkollu x'jaqsam ma' l-ishma u kull telf li jirriżulta mit-tqassim tal-qligħ tal-kumpannija sussidjarja ma humiex deduċibbli mill-profitti taxxabbli tal-kumpannija ġenitur. Meta l-ispejjeż tal-ġestjoni li jkollhom x'jaqsmu mal-investiment f'dan il-każ jiġu stabbiliti bħala rata fissa, l-ammont stabbilit ma jistax jaqbeż il 5 % tal-qligħ mqassam mill-kumpannija sussidjarja."

Id-dritt Belġjan

7 Id-Direttiva 90/435 ġiet trasposta fid-dritt Belġjan permezz tal-liġi tat-23 ta' Ottubru 1991 (*Moniteur Belge* tal-15 ta' Novembru 1991, p. 25619), li biddlet is-sistema ta' dħul intaxxat b'mod definittiv (iktar 'il quddiem is-"sistema RDT") fis-seħħ sa dak iż-żmien.

8 Wara l-kodifikazzjoni li seħħet fil-leġiżlazzjoni fil-qasam tat-taxxa fuq id-dħul matul is-sena 1992, id-dispożizzjonijiet rilevanti dwar is-sistema RDT inġabru fl-Artikoli 202, 204 u 205 tal-code des impôts sur les revenus 1992 (kodiċi dwar it-taxxa fuq id-dħul tal-1992), ikkoordinat mid-Digriet Irjali tal-10 ta' April 1992 u kkonfermat mil-liġi tat-12 ta' Ġunju 1992 (suppliment għal *Moniteur Belge* tat-30 ta' Lulju 1992, iktar 'il quddiem iċ-"CIR 1992"), kif implementat bl-arrêté royal d'exécution du code des impôts sur les revenus 1992 (digriet irjali ta' eżekuzzjoni tal-kodiċi dwar it-taxxa fuq id-dħul tal-1992), tas-27 ta' Awwissu 1993 (*Moniteur Belge* tat-13 ta' Settembru 1993, p. 20096).

9 Skont l-imsemmija dispożizzjonijiet, kumpannija tista' tnaqqas mill-qligħ tagħha 95 % tad-dividendi riċevuti mingħand is-sussidjarji tagħha fis-sens tad-Direttiva 90/435, bħala dħul intaxxat b'mod definittiv (iktar 'il quddiem it-"tnaqqis RDT").

10 Il-funzjonament tas-sistema RDT tista' jkun deskritta fil-qosor kif ġej. Inizjalment, id-dividend imqassam mis-sussidjarja għandu jkun inkluż fil-bażi taxxabbli tal-kumpannija omm. Imbagħad, dan id-dividend jitnaqqas minn din il-bażi taxxabbli, iżda biss sakemm, għall-perijodu taxxabbli kkonċernat, jibqa' bilanċ pożittiv wara tnaqqis ta' profitti eżenti oħra.

11 F'dan il-kuntest, il-loi du 20 décembre 1995 portant des dispositions fiscales, financières et diverses (liġi tal-20 ta' Diċembru 1995 dwar dispożizzjonijiet fiskali, finanzjarji diversi) (*Moniteur Belge* tat-23 ta' Diċembru 1995, p. 34578) introduċiet, fiċ-CIR 1992, Artikolu 198(10). Dan tal-aħħar, fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali, jipprovdi:

"Ma jitqisux spejjeż tan-negozju:

[…]

10 Bla ħsara għall-applikazzjoni tal-Artikolu 55 [taċ-CIR 1992], l-interessi ma humiex ikkunsidrati bħala spejjeż tan-negozju sa ammont li jikkorrispondi għal dak tad-dividendi li jistgħu jitnaqqsu taħt l-Artikoli 202 sa 204 [taċ-CIR 1992], minn azzjonijiet jew parteċipazzjonijiet miksuba minn kumpannija li, fil-mument tat-trasferiment tagħhom, ma kinitx żammithom għal perijodu mhux interrott tal-inqas sena.

Mandankollu, il-paragrafu [preċedenti] ma huwiex applikabbli għal azzjonijiet jew parteċipazzjonijiet miżmuma f'kumpanniji marbuta jew ma' liema teżisti rabta ta' parteċipazzjoni, anki fejn huma għandhom in-natura ta' investimenti ta' flus, lanqas għal azzjonijiet jew parteċipazzjonijiet oħra li jidhru taħt assi finanzjarji."

12 L-Artikolu 202 taċ-CIR 1992 fil-verżjoni applikabbli fil-kawża prinċipali huwa fformulat kif ġej:

"1. Għandhom jitnaqqsu wkoll mill-profitti mill-perijodu taxxabbli, sa fejn huma inklużi:

1. id-dividendi, bl-eċċezzjoni tad-dħul miksub fl-okkażjoni tat-trasferiment lil kumpannija tal-azzjonijiet jew ishma tagħha stess jew waqt it-tqassim totali jew parzjali tal-assi ta' kumpannija;

[…]

2. Id-dħul imsemmi fil-paragrafu 1(1) u (2), jista' jitnaqqas biss sa fejn fid-data tal-għoti jew tal-ħlas tiegħu, il-kumpannija benefiċjarja għandha sehem fil-kapital tal-kumpannija li tiddistribwixxih ta' mhux inqas minn 5 % jew li l-valur tal-investiment tagħha jilħaq mill-inqas [BEF 50 miljun (madwar EUR 1 240 000)].

Madankollu, din il-kundizzjoni ma tapplikax għad-dħul:

1. miġbura minn stabbilimenti ta' kreditu msemmija fl-Artikolu 56(1) […]"

13 L-Artikolu 204 taċ-CIR 1992 fil-verżjoni applikabbli fil-kawża prinċipali huwa fformulat kif ġej:

"Id-dħul li jista' jitnaqqas skont l-Artikolu 202(1)(1), (3) u (4) huwa meqjus li jaqa' taħt il-profitti tal-perijodu taxxabbli sa 95 % tal-ammont miġbur jew riċevut eventwalment miżjud bil-ħlas bil-quddiem ta' taxxa fuq id-dħul fuq proprjetà mobbli reali jew fittizja jew imnaqqsa, meta jirrigwardaw dħul imsemmi fl-Artikolu 202(1),(4) u (5), ta' interessi bonus għax-xerrej fil-każ tal-akkwist ta' titoli matul il-perijodu taxxabbli."

14 L-Artikolu 106(5) tal-arrêté royal d'exécution du code des impôts sur les revenus 1992 (digriet irjali ta' eżekuzzjoni tal-kodiċi dwar it-taxxa fuq id-dħul tal-1992), tas-27 ta' Awwissu 1993, fil-verżjoni applikabbli fil-kawża prinċipali, huwa fformulat kif ġej:

"Id-dividendi, li d-debitriċi tagħhom tkun sussidjarja Belġjana u li benefiċjarju tagħhom tkun kumpannija omm ta' Stat Membru ieħor tal-Komunità Ekonomika Ewropea għandhom ikunu eżentati fl-intier tagħhom mill-withholding tax.

Madankollu, din ir-rinunzja [għall-withholding tax] ma għandhiex tapplika jekk is-sehem tal-kumpannija omm li abbażi tiegħu jitħallsu d-dividendi ma jirrappreżentax sehem ta' mill-inqas 25 % tal-kapital tas-sussidjarja u ma jinżammx jew ma jkunx inżamm is-sehem minimu ta' 25 % għal perijodu mhux interrott ta' mill-inqas sena.

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-ewwel u tat-tieni paragrafu, sussidjarja u kumpannija omm ifissru s-sussidjarji u l-kumpanniji omm iddefiniti fid-Direttiva [90/435]."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

15 Argenta Spaarbank hija stabbiliment ta' kreditu rrikonoxxut mid-dritt Belġjan li, matul is-snin tal-kontabbiltà 1999 u 2000 (snin fiskali 2000 u 2001), irċeviet dividendi maħruġa minn parteċipazzjonijiet miżmuma f'impriżi Belġjani u ta' Stati Membri oħrajn tal-Unjoni Ewropea, f'ċerti każijiet, għal inqas minn sena u, f'każijiet oħrajn, għal iktar minn sena fil-mument tal-ħlas ta' dawn id-dividendi.

16 Skont l-Artikoli 202 u 204 taċ-CIR 1992, fil-verżjonijiet tagħhom applikabbli fil-kawża prinċipali, Argenta Spaarbank ibbenefikat, bħala kumpannija omm, mit-tnaqqis tar-RDT sa 95 % tal-imsemmija dividendi.

17 Barra minn hekk, meħud inkunsiderazzjoni l-istatut tagħha ta' stabbiliment ta' kreditu, hija ħallset ukoll, matul is-snin tal-kontabbiltà inkwistjoni, interessi fl-ammont ta' BEF 11 702 186 712 (madwar EUR 290 090 000) u ta' BEF 13 322 033 492 (madwar EUR 330 245 000), li ġew inklużi fil-kont tar-riżultati ta' din il-kumpannija fil-partita "Interessi u spejjeż simili".

18 Kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, dawn l-interessi ma tħallsux għal self ikkuntrattat sabiex jiġu akkwistati parteċipazzjonijiet fil-kapital ta' kumpannija sussidjarja. Għall-kuntrarju, l-interessi msemmija jirrigwardaw kontijiet ta' tfaddil, kontijiet kurrenti, kontijiet bi skadenza u prodotti oħra ta' investiment miżmuma minn Argenta Spaarbank għall-klijenti tagħha bħala stabbiliment ta' kreditu u setgħu jkunu s-suġġett, għalhekk, ta' tnaqqis bħala spejjeż professjonali.

19 Madankollu, l-Artikolu 198(10) taċ-CIR 1992 jipprevedi n-nuqqas ta' deduċibbiltà tal-interessi kollha mħallsa sa ammont ugwali għal dak tad-dividendi li jistgħu jitnaqqsu taħt l-Artikoli 202 sa 204 taċ-CIR 1992, minn azzjonijiet jew minn ishma akkwistati minn kumpannija omm li żammithom għal perijodu mhux interrott ta' inqas minn sena, fil-mument tat-trasferiment tagħhom, u mingħajr ma jitlob l-eżistenza ta' rabta ta' kawżalità bejn tali interessi u d-dividendi li bbenefikaw mit-tnaqqis tar-RDT.

20 Issa, Argenta Spaarbank irċeviet is-somom ta' BEF 3 059 292 (madwar EUR 75 838) matul is-sena tal-kontabbiltà 1999 (sena fiskali 2000) u BEF 11 960 419 (madwar EUR 296 490), matul is-sena tal-kontabbiltà 2000 (sena fiskali 2001) fuq dividendi li jirriżultaw mill-parteċipazzjonijiet miżmuma għal inqas minn sena fil-mument tal-ħlas tagħhom.

21 Għalhekk, skont l-Artikolu 198(10) taċ-CIR 1992, l-amministrazzjoni fiskali indirizzat lil Argenta Spaarbank żewġ avviżi ta' taxxa rettifikattivi għas-snin fiskali 2000 u 2001, fejn indikat li l-interessi f'ammont rispettivament ta' EUR 75837.87 u ta' EUR 296491.04 kienu miżjuda mal-"ispejjeż mhux ammessi" u ma setgħux, minħabba dan il-fatt, jitnaqqsu mill-profitt taxxabbli ta' din il-kumpannija omm.

22 Permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Mejju 2004, id-direttur ġenerali tan-Nationale Controlecentrum I van de administratie voor de ondernemings- en inkomensfiscaliteit (ċentru ta' kontroll nazzjonali tal-amministrazzjoni u tal-fiskalità tal-impriżi u tad-dħul, il-Belġju) ċaħad l-ilmenti mressqa minn Argenta Spaarbank kontra dawn l-avviżi ta' taxxa.

23 Fit-3 ta' Awwissu 2004, Argenta Spaarbank ikkontestat din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju, ir-rechtbank van eerste aanleg te Antwerpen (qorti tal-ewwel istanza ta' Antwerpen, il-Belġju), sabiex tikseb l-annullament tal-imsemmija avviżi ta' taxxa, filwaqt li b'mod partikolari sostniet li l-Artikolu 198(10) taċ-CIR 1992 huwa inkompatibbli mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 90/435, peress li din id-dispożizzjoni tal-aħħar tippermetti biss lill-Istati Membri li jikkunsidraw bħala mhux deduċibbli l-interessi li jippreżentaw rabta ta' kawżalità mad-dividendi li bbenefikaw minn tnaqqis tar-RDT.

24 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rechtbank van eerste aanleg te Antwerpen (qorti tal-ewwel istanza ta' Antwerpen, il-Belġju) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 198(10) [taċ-CIR 1992], fil-verżjoni applikabbli għas-snin ta' taxxa 2000 u 2001, jikser jew le l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva [90/435], sa fejn dan jipprovdi li l-interessi ma humiex ikkunsidrati bħala spejjeż tan-negozju sa ammont li jikkorrispondi għal dak tad-dħul li jista' jiġi eżentat taħt l-Artikoli 202 sa 204 [taċ-CIR 1992], minn azzjonijiet jew ishma miksuba minn kumpannija li, fil-mument tat-trasferiment tagħhom, ma kinitx żammithom għal perijodu mhux interrott ta' minn tal-inqas sena, billi ma jagħmilx distinzjoni skont jekk dawn l-interessi jirrigwardawx parteċipazzjoni (jew il-finanzjament ta' parteċipazzjoni) li minnha nġabru d-dividendi li jistgħu jiġu eżentati?

2) L-Artikolu 198(10) [taċ-CIR 1992], fil-verżjoni applikabbli għas-snin ta' taxxa 2000 u 2001, jikkostitwixxi dispożizzjoni intiża li tipprevjeni l-frodi u ll-abbuż fis-sens tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva [90/435] u, jekk dan ikun il-każ, l-Artikolu 198(10) [taċ-CIR 1992] imur lil hinn minn dak li hu neċessarju għall-prevenzjoni ta' dan il-frodi u l-abbuż sa fejn dan jipprovdi li l-interessi ma humiex ikkunsidrati bħala spejjeż tan-negozju sa ammont li jikkorrispondi għal dak tad-dħul li jista' jiġi eżentat taħt l-Artikolu 202 sa 204 [taċ-CIR 1992], minn azzjonijiet jew ishma miksuba minn kumpannija li, fil-mument tat-trasferiment tagħhom, ma kinitx żammithom għal perijodu mhux interrott ta' minn tal-inqas sena, billi ma jagħmilx distinzjoni skont jekk dawn l-interessi jirrigwardawx parteċipazzjoni (jew il-finanzjament tal-parteċipazzjoni) li minnha nġabru d-dividendi li jistgħu jiġu eżentati?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ammissibbiltà

25 Il-Gvern Belġjan jikkontesta l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari. Insostenn ta' din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, huwa jfakkar li l-Artikolu 198(10) taċ-CIR 1992 jawtorizza lill-awtoritajiet fiskali Belġjani li jiċħdu, bħala spejjeż mhux deduċibbli, l-interessi kollha mħallsa minn kumpannija omm, matul il-perijodu taxxabbli kkonċernat, sal-massimu tad-dividendi riċevuti minn parteċipazzjonijiet fil-kapital ta' kumpannija sussidjarja, miżmuma għal inqas minn sena u li jibbenefikaw minn tnaqqis tar-RDT.

26 F'dawn iċ-ċirkustanzi, dan il-gvern isostni li dan l-artikolu huwa ċertament simili għall-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 90/435 peress li joffri mezz sabiex tiġi miġġielda l-prattika abbużiva li jiġi kkuntrattat self sabiex tiddgħajjef il-bażi taxxabbli tal-kumpannija omm, billi tiġġenera interessi deduċibbli bl-akkwist ta' parteċipazzjonijiet fis-sussidjarji li joħolqu dividendi li huma wkoll deduċibbli.

27 Madankollu, sa fejn l-Artikolu 198(10) taċ-CIR 1992 għandu bħala effett indirett li jinnewtralizza t-tnaqqis, skont l-Artikoli 202 sa 204 taċ-CIR 1992, ta' dividendi li ġejjin mill-parteċipazzjonijiet ta' terminu qasir, l-imsemmi artikolu għandu jiġi meqjus bħala kopert mill-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 90/435, li jippermetti lill-Istati Membri li ma japplikawx is-sistema ta' tnaqqis ta' profitti stabbilita minn din id-direttiva għall-kumpanniji "li għal perjodu taż-żmien mhux interrott ta'

mill-inqas sentejn rigward iż-żamma ta' l-ishma li jikkwalifikawhom bħala kumpanniji ġenitur". Fil-fatt, skont dan il-gvern, din l-aħħar dispożizzjoni timplika li, fl-ipoteżi li hija ssemmi, l-Istati Membri ma humiex mistennija li jikkonformaw mad-Direttiva 90/435. Għalhekk, ikun possibbli għalihom mhux biss li ma jagħtux il-vantaġġi previsti fl-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva, iżda wkoll li jikkunsidraw spejjeż bħala mhux deduċibbli sa fejn u taħt kundizzjonijiet li ma jikkorrispondux mal-previżjonijiet tal-Artikolu 4(2) tal-imsemmija direttiva, jew ukoll li jagħmlu użu minn dispożizzjoni maħsuba sabiex tipprevjeni l-frodi u l-abbużi fis-sens tal-Artikolu 1(2) ta' din l-istess direttiva, li tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jiġu evitati l-frodi u l-abbużi.

28 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 198(10) taċ-CIR 1992 jirreferi għal sitwazzjoni li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 90/435.

29 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li t-tieni inċiż tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 90/435 jipprevedi, b'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu "l-għażla" għall-Istati Membri li "ma japplikawx" din id-direttiva għal dawk il-kumpanniji tagħhom li ma jżommux, għal perijodu ta' żmien mhux interrott ta' mill-inqas sentejn, parteċipazzjoni li jikkwalifikawhom bħala kumpanniji omm, u lanqas għal dawk il-kumpanniji li fihom kumpannija ta' Stat Membru ieħor ma żżommx tali parteċipazzjoni għal perijodu ta' żmien mhux interrott ta' mill-inqas sentejn.

30 Mill-kliem tagħha stess, din id-dispożizzjoni ma tistabbilixxix eċċezzjoni ta' natura ġenerali għall-applikazzjoni tad-Direttiva 90/435, iżda tillimita ruħha li tipprevedi għażla għall-Istati Membri, li huma dawk li jixtiequ li jagħmlu użu minnha li għandhom jimplementawha fid-dritt nazzjonali tagħhom. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dispożizzjonijiet ta' direttiva għandhom jiġu implementati b'mod li jkollhom saħħa vinkolanti inkontestabbli, bl-ispeċifiċità, bil-preċiżjoni u biċ-ċarezza meħtieġa sabiex jiġi ssodisfatt ir-rekwiżit taċ-ċertezza legali (ara s-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2015, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-137/14, EU:C:2015:683, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Issa, fuq dan il-punt, huwa importanti li jiġi kkonstatat li l-qorti tar-rinviju tipprovdi interpretazzjoni tas-sistema taċ-CIR 1992 u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 198(10) taċ-CIR 1992, li hija differenti minn dik ippreżentata mill-Gvern Belġjan quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

32 Fil-fatt, dik il-qorti tirrileva li l-leġiżlatur Belġjan inizjalment ittraspona fid-dritt intern id-Direttiva 90/435, billi applikaha fl-intier tagħha għall-kumpanniji omm nazzjonali, mingħajr ma ppreveda espressament ebda perijodu minimu ta' żamma, minn kumpannija, ta' azzjonijiet li kienet tagħtiha l-istatus ta' kumpannija omm tas-sussidjarja li hija s-suġġett ta' tali akkwist ta' parteċipazzjoni u li tippermettilha li titlob tnaqqis tad-dividendi ġġenerati minn dawn l-azzjonijiet.

33 Għalhekk, skont dik il-qorti, ir-Renju tal-Belġju ma eżerċitax l-għażla rrikonoxxuta għall-Istati Membri fl-ewwel parti tat-tieni inċiż tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 90/435 meta adotta ċ-CIR 1992.

34 Min-naħa l-oħra, meta tikkunsidra fid-dettall ix-xogħol preparatorju u l-għan tal-Artikolu 198(10) taċ-CIR 1992, il-qorti tar-rinviju tqis li din id-dispożizzjoni timplementa, fid-dritt Belġjan, l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 90/435, peress li hija intiża sabiex timpedixxi lill-kumpanniji omm nazzjonali milli joperaw sistema ta' tnaqqis fit-taxxa doppju billi jakkwistaw, permezz ta' finanzjament estern deduċibbli, azzjonijiet f'sussidjarji, li jiġġeneraw dividendi li huma wkoll deduċibbli.

35 Konsegwentement, ir-raġuni għaliex l-Artikolu 198(10) taċ-CIR 1992 ma jipprevedi l-ebda rabta bejn l-akkwist ta' tali azzjonijiet u l-finanzjament ta' din it-tranżazzjoni hija r-rieda tal-leġiżlatur Belġjan mhux li jinnewtralizza t-tnaqqis tad-dividendi li jirriżultaw minn parteċipazzjonijiet b'terminu qasir, billi juża l-awtorizzazzjoni prevista fl-ewwel parti tat-tieni inċiż tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 90/435, iżda li jegħleb id-diffikultà, mil-lat prattiku, għall-amministrazzjoni fiskali, li tivverifika konkretament ir-rabta bejn il-finanzjament ta' tranżazzjoni u l-beni akkwistat, fil-kuntest tal-implementazzjoni tar-regola derogatorja msemmija fl-Artikolu 4(2) ta' din id-direttiva.

36 Issa, huwa fuq il-bażi ta' din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 198(10) taċ-CIR 1992 li l-qorti tar-rinviju qieset neċessarju, sabiex issolvi l-kawża li għandha quddiemha, li tressaq din it-talba għal deċiżjoni preliminari.

37 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn din tal-aħħar u l-qrati nazzjonali istitwita mill-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali, li quddiemha qed tinstema' l-kawża u li trid terfa' r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li tingħata sussegwentement, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja (sentenzi tat-22 ta' Diċembru 2008, Les Vergers du Vieux Tauves, C-48/07, EU:C:2008:758, punt 16, kif ukoll tal-21 ta' Diċembru 2016, Vervloet *et*, C-76/15, EU:C:2016:975, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Barra minn hekk, għandu jiġi ppreċiżat li l-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex responsabbli, fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, li tiddeċiedi fuq l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali u li tiddeċiedi jekk l-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet mogħtija mill-qorti tar-rinviju hijiex korretta. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tat-tqassim tal-ġurisdizzjoni bejn il-qrati tal-Unjoni u l-qrati nazzjonali, għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-kuntest fattwali u leġiżlattiv tad-domandi preliminari, kif iddefinit fid-deċiżjoni tar-rinviju (sentenza tat-23 ta' April 2009, Angelidaki *et*, C-378/07 sa C-380/07, EU:C:2009:250, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, sabiex tiġi eżaminata l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Gvern Belġjan, għandu jsir riferiment biss għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 198(10) taċ-ĊIR 1992 ipprovduta mill-qorti tar-rinviju, kif imfakkra, essenzjalment, fil-punti 32 sa 35 ta' din is-sentenza.

40 Issa, fir-rigward ta' din l-interpretazzjoni, u meħuda inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 30 ta' din is-sentenza, għandu jiġi kkunsidrat li dispożizzjoni bħalma hija l-Artikolu 198(10) taċ-CIR 1992 taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 90/435, peress li l-kontenut tagħha ma jistax jinftiehem li jista' jkun la direttament u lanqas, wisq iktar, indirettament, kif isostni l-Gvern Belġjan, suġġett għad-deroga fakultattiva prevista fl-ewwel parti tat-tieni inċiż tal-Artikolu 3(2) ta' din id-direttiva.

41 Konsegwentement, hemm lok li din it-talba għal deċiżjoni preliminari għandha tiġi ddikjarata ammissibbli.

Fuq il-mertu

Fuq l-ewwel domanda

42 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 90/435 jipprekludix dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, bħalma hija l-Artikolu 198(10) taċ-CIR 1992, li tipprovdi li l-interessi mħallsa minn kumpannija omm fuq self ma humiex deduċibbli mill-profitt taxxabbli ta' din ill-kumpannija omm sa ammont ugwali għall-ammont tad-dividendi, li diġà bbenefikaw minn deduċibbiltà fiskali, li jingħabru minn parteċipazzjonijiet miżmuma mill-imsemmija kumpannija omm fil-kapital tal-kumpanniji sussidjarji matul perijodu ta' inqas minn sena, anki jekk dawn l-interessi ma humiex relatati mal-finanzjament ta' dawn il-parteċipazzjonijiet.

43 Sabiex tingħata risposta utli għal din id-domanda, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 90/435, iżda wkoll l-għanijiet u s-sistema ta' din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi

tat-3 ta' April 2008, Banque Fédérative du Crédit Mutuel, C-27/07, EU:C:2008:195, punt 22; tal-1 ta' Ottubru 2009, Gaz de France – Berliner Investissement, C-247/08, EU:C:2009:600, punt 26, kif ukoll tat-8 ta' Marzu 2017, Wereldhave Belgium *et*, C-448/15, EU:C:2017:180, punt 24).

44 Qabel kollox, għandu jiġi kkonstatat li l-kliem tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 90/435 huma fformulati b'mod ċar u inekwivoku, fis-sens li din id-dispożizzjoni tippermetti biss lil Stat Membru li jeskludi d-deduċibbiltà tal-profitti taxxabbli ta' kumpannija omm biss l-"ispejjeż tal-ġestjoni li jkollhom x'jaqsmu ma' l-ishma" tagħha fil-kapital ta' kumpannija sussidjarja.

45 Mill-istess kliem tal-imsemmija dispożizzjoni jirriżulta li din ma tippermettix lill-Istati Membri jeskludu tali deduċibbiltà fir-rigward tal-interessi kollha ta' self ikkuntrattati minn kumpannija omm sa ammont ugwali għad-dividendi ġġenerati mill-parteċipazzjonijiet tagħha fis-sussidjarji tagħha.

46 Tali interpretazzjoni letterali hija konsistenti mal-istruttura tad-Direttiva 90/435 u mal-għan segwit minnha.

47 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, kif tiddikjara t-tielet premessa tagħha, id-Direttiva 90/435 hija intiża li, permezz tal-istabbiliment ta' sistema fiskali komuni, telimina kull żvantaġġ għall-kooperazzjoni bejn kumpanniji ta' Stati Membri differenti meta mqabbla mal-kooperazzjoni bejn kumpanniji fl-istess Stat Membru u li, b'dan il-mod, tiffaċilita l-formazzjoni ta' gruppi ta' kumpanniji fuq il-livell tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, din id-direttiva hija intiża sabiex tiżgura n-newtralità, mill-aspett fiskali, tat-tqassim ta' profitti minn kumpannija sussidjarja stabbilita fi Stat Membru lill-kumpannija omm tagħha stabbilita fi Stat Membru ieħor (sentenzi tal-1 ta' Ottubru 2009, Gaz de France – Berliner Investissement, C-247/08, EU:C:2009:600, punt 27, kif ukoll tat-8 ta' Marzu 2017, Wereldhave Belgium *et*, C-448/15, EU:C:2017:180, punt 25).

48 Għalhekk, l-għan ta' din id-direttiva huwa li, permezz tal-mekkaniżmi previsti fl-Artikolu 4(1) tagħha u fl-Artikolu 5(1) tagħha, tipprevjeni taxxa doppja ta' profitti mqassma minn kumpanniji sussidjarji lill-kumpanniji omm, billi jiġi evitat li l-profitti mqassma ma jkunux intaxxati, l-ewwel darba, f'idejn il-kumpannija sussidjarja u, it-tieni darba, f'idejn il-kumpannija omm (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' April 2008, Banque Fédérative du Crédit Mutuel, C-27/07, EU:C:2008:195, punt 27; tat-12 ta' Frar 2009, Cobelfret, C-138/07, EU:C:2009:82, punt 29; tal-1 ta' Ottubru 2009, Gaz de France – Berliner Investissement, C-247/08, EU:C:2009:600, punt 57, kif ukoll tat-8 ta' Marzu 2017, Wereldhave Belgium *et*, C-448/15, EU:C:2017:180, punt 36).

49 Fir-rigward, b'mod partikolari tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 90/435, dan jipprevedi li, meta kumpannija omm, bis-saħħa tal-assoċjazzjoni tagħha mal-kumpannija sussidjarja tagħha, tirċievi profitti mqassma, l-Istat Membru tal-kumpannija omm għandu jew iżomm lura milli jintaxxa dawn il-profitti, jew jawtorizza lill-kumpannija omm sabiex tnaqqas mill-ammont tat-taxxa tagħha dik il-frazzjoni tat-taxxa imħallsa mill-kumpannija sussidjarja marbuta ma' dawn il-profitti u, jekk dan ikun il-każ, l-ammont tat-taxxa f'ras il-għajn imposta mill-Istat Membru li fih tkun tirresjedi l-kumpannija sussidjarja, sal-limitu tal-ammont tat-taxxa nazzjonali korrispondenti (sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation, C-446/04, EU:C:2006:774, punt 102; tat-3 ta' April 2008, Banque Fédérative du Crédit Mutuel, C-27/07, EU:C:2008:195, punt 25, kif ukoll tat-8 ta' Marzu 2017, Wereldhave Belgium *et*, C-448/15, EU:C:2017:180, punt 37).

50 Għalhekk huwa bħala deroga li l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 90/435 jikkonferixxi lill-Istati Membri l-għażla li jipprevedu li l-ispejjeż relatati mal-parteċipazzjoni u t-telf li jirriżulta mit-tqassim tal-profitti tal-kumpannija sussidjarja ma jistgħux jitnaqqsu mill-profitti taxxabbli tal-kumpannija omm.

51 F'dan il-kuntest, minn naħa, għandu jiġi enfasizzat li din id-dispożizzjoni għandha tkun is-suġġett ta' interpretazzjoni stretta u għaldaqstant, konformement ma' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma għandhiex tingħata interpretazzjoni li tmur lil hinn mill-kliem tagħha stess (ara, f'dan

is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Ottubru 1996, Denkavit *et*, C-283/94, C-291/94 u C-292/94, EU:C:1996:387, punt 27, kif ukoll tal-25 ta' Settembru 2003, Océ van der Grinten, C-58/01, EU:C:2003:495, punt 86).

52 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi kkonstatat li r-regola stabbilita fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 90/435 tneħħi l-effett utli ta' dik li tinsab fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu jekk l-ewwel regola tiġi interpretata fis-sens li tippermetti lill-Istati Membri li jipprekludu t-tnaqqis tal-profitt taxxabbli ta' kumpannija omm mill-ispejjeż kollha tal-interessi fuq is-self sa ammont li jikkorrispondi għal dak tad-dividendi, li jibbenefikaw minn eżenzjoni mit-taxxa, li hija tirċievi minħabba parteċipazzjoni fil-kapital ta' kumpannija sussidjarja, mingħajr ma dan in-nuqqas ta' deduċibbiltà ma jkun limitat għall-ispejjeż fuq l-interessi relatati mal-finanzjament ta' tali parteċipazzjoni u li minnha jirriżultaw dawn id-dividendi. Fil-fatt, tali qari jwassal sabiex jippermetti lill-imsemmija Stati Membri li jżidu indirettament id-dħul taxxabbli ta' kumpannija omm, filwaqt li jaffettwaw għalhekk in-newtralità, fuq il-livell fiskali, tat-tqassim tad-dividendi mħallsa minn kumpannija sussidjarja li tinsab fi Stat Membru lill-kumpannija omm tagħha stabbilita fi Stat Membru ieħor.

53 Fl-aħħar nett, l-interpretazzjoni letterali tar-regola li tinsab fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 90/435, imsemmija fil-punti 44 u 45 ta' din is-sentenza, hija l-unika waħda kompatibbli mal-għan speċifiku ta' din id-dispożizzjoni fil-kuntest tas-sistema tad-Direttiva 90/435.

54 Fil-fatt, l-għażla li din id-dispożizzjoni tirrikonoxxi lill-Istati Membri hija intiża sabiex tipprekludi li kumpannija omm tgawdi minn vantaġġ fiskali doppju li jirriżulta, minn naħa, mill-profitti eżentati mit-taxxa skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva u, min-naħa l-oħra, mit-tnaqqis tat-taxxa permezz tat-tnaqqis bħala spejjeż tat-telf mill-parteċipazzjonijiet li jirriżulta mit-tqassim tal-imsemmija profitti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2008, Les Vergers du Vieux Tauves, C-48/07, EU:C:2008:758, punt 42).

55 Minn din il-perspettiva, l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 90/435 għandu neċessarjament jiġi interpretat bħala li jippermetti lill-Istati Membri jipprekludu biss li kumpannija omm tgawdi mill-vantaġġ fiskali doppju msemmi fil-punt preċedenti. Fil-fatt, jekk l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprevjenu lill-kumpanniji omm milli jnaqqsu interessi li ma humiex marbuta mal-akkwist tal-parteċipazzjonijiet li jipproduċu t-tqassim tal-imsemmija profitti eżentati, dan ikun imur manifestament lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq tali għan.

56 Minn dan isegwi li ma tistax tikkostitwixxi implementazzjoni konformi mar-regola derogatorja li tinsab fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 90/435 dispożizzjoni nazzjonali, bħalma hija l-Artikolu 198(10) taċ-CIR 1992, li teskludi, b'mod ġenerali u awtomatiku, id-deduċibbiltà fiskali, bħala drittijiet jew spejjeż professjonali, ta' interessi marbuta ma' self sottoskritt minn kumpannija omm sa somma li tikkorrispondi għad-dividendi ġġenerati minn parteċipazzjoni ta' din il-kumpannija omm fil-kapital ta' sussidjarja, li diġà jibbenefikaw minn deduċibbiltà fiskali, anki jekk il-ħlas ta' dawn l-interessi ma huwiex relatat mal-finanzjament tal-akkwist ta' tali parteċipazzjoni.

57 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda hija li l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 90/435 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali, bħalma hija l-Artikolu 198(10) taċ-CIR 1992, li tipprovdi li l-interessi mħallsa minn kumpannija omm fuq self ma humiex deduċibbli mill-profitt taxxabbli ta' din il-kumpannija omm sa ammont ugwali għall-ammont tad-dividendi, li diġà bbenefikaw minn deduċibbiltà fiskali, li jinġabru minn parteċipazzjonijiet miżmuma mill-imsemmija kumpannija omm fil-kapital ta' kumpanniji sussidjarji matul perijodu ta' inqas minn sena, anki jekk dawn l-interessi ma humiex relatati mal-finanzjament ta' dawn il-parteċipazzjonijiet.

Fuq it-tieni domanda

58 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 90/435 għandux jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza lill-Istati Membri japplikaw dispożizzjoni nazzjonali bħalma hija l-Artikolu 198(10) taċ-CIR 1992.

59 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 90/435 jipprevedi li din id-direttiva ma tipprekludix l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali jew konvenzjonali neċessarji sabiex jiġu evitati l-frodi u l-abbużi.

60 Kif irrilevat l-Avukat Ġenerali fil-punt 51 tal-konklużjonijiet tagħha, l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 90/435 jirrifletti l-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jipprojbixxi l-abbuż ta' dritt (ara s-sentenza tal-5 ta' Lulju 2007, Kofoed, C-321/05, EU:C:2007:408, punt 38), b'tali mod li l-individwi ma jistgħux jinvokaw id-dritt tal-Unjoni għal finijiet frawdolenti jew abbużivi (ara, b'mod partikolari, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Frar 2006, Halifax *et*, C-255/02, EU:C:2006:121, punt 69, kif ukoll tat-28 ta' Lulju 2016, Kratzer, C-423/15, EU:C:2016:604, punt 37).

61 Madankollu, għandu jiġi rrilevat, kif enfasizzat ukoll l-Avukat Ġenerali fil-punt 52 tal-konklużjonijiet tagħha, li l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 90/435 jikkostitwixxi dispożizzjoni ta' prinċipju, li l-kontenut tagħha huwa riprodott speċifikament f'dispożizzjonijiet oħra ta' din id-direttiva, b'mod partikolari fl-Artikolu 4(2) tagħha, sa fejn huwa intiż preċiżament sabiex jiġġieled l-abbużi tal-kumpanniji omm li jirriżultaw minn tnaqqis doppju ta' taxxa (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-17 ta' Ottubru 1996, Denkavit *et*, C-283/94, C-291/94 u C-292/94, EU:C:1996:387, punt 31).

62 Issa, mir-risposta mogħtija għall-ewwel domanda jirriżulta li l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 90/435 jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali, bħalma hija l-Artikolu 198(10) taċ-CIR 1992, sa fejn din tmur lil hinn mill-miżuri li l-leġiżlatur tal-Unjoni qies li huma adegwati sabiex jiġu evitati l-abbużi tal-kumpanniji omm marbuta mal-possibbiltà li joperaw tnaqqis doppju ta' taxxa.

63 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata hija li l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 90/435 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jawtorizzax lill-Istati Membri japplikaw dispożizzjoni nazzjonali, bħalma hija l-Artikolu 198(10) taċ-CIR 1992, sa fejn din tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jiġu evitati l-frodi u l-abbużi.

Fuq l-ispejjeż

64 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE, tat-23 ta' Lulju 1990, dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni nazzjonali, bħalma hija l-Artikolu 198(10) tal-code des impôts sur les revenus 1992 (kodiċi dwar it-taxxa fuq id-dħul tal-1992), ikkoordinat mid-Digriet Irjali tal-10 ta' April 1992 u kkonfermat mil-liġi tat-12 ta' Ġunju 1992, li tipprovdi li l-interessi mħallsa minn kumpannija omm fuq self ma humiex deduċibbli mill-profitt taxxabbli ta' din il-kumpannija omm sa ammont ugwali għall-ammont tad-dividendi, li diġà bbenefikaw minn deduċibbiltà fiskali, li jinġabru

minn parteċipazzjonijiet miżmuma mill-imsemmija kumpannija omm fil-kapital ta' kumpanniji sussidjarji matul perijodu ta' inqas minn sena, anki jekk dawn l-interessi ma humiex relatati mal-finanzjament ta' dawn il-parteċipazzjonijiet.

2) **L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 90/435 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jawtorizzax lill-Istati Membri japplikaw dispożizzjoni nazzjonali bħalma hija l-Artikolu 198(10) tal-code des impôts sur les revenus 1992 (kodiċi dwar it-taxxa fuq id-dħul tal-1992), ikkoordinat mid-Digriet Irjali tal-10 ta' April 1992 u kkonfermat mil-liġi tat-12 ta' Ġunju 1992, sa fejn din tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jiġu evitati l-frodi u l-abbużi.**

Firem